SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 12-13**

Illum It-Tnejn 25 ta' Marzu 2013

Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 11/13 li saret nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Frar 2013 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-15 ta' Frar 2013 u l-25 ta' Marzu 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0216/13/O – Kummissarju tal-Pulizija – *Cardphone Booth* f'Dawret it-Torri
- 0228/13/O – Mepa - *Application for permit for works effecting trees* – Triq Bruka
- 0229/13/O – Mepa – *Application for permit for works effecting trees* – Triq Prinjoli
- 295/13/O – Alda Staff – Project Reaction

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 258/13/I – ALDA Staff – Reaction Project
- 0284/13/I – MCCAA – *Inspection of Playgrounds during* 2013
- 0293/13/I – Joseph Montebello – *Malta International Airport ALIVE 2013- Cycling Challenge for Caner*
- 0421/13/I - Paragoneurope – *Green Urban Logistics*
- 0318/13/I – Parroċċa Santa Luċija – Funzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa
- 0320/13/I - Regjun Nofsinhar – Problemi fl-LES

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0258/13/I is-Sindku rrefera għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-programm ta' l-Unjoni Ewropea - Reaction. Huwa qal li għall-ewwel avveniment ta' dan il-proġett ġew mistiedna jattendu erba rappreżentanti tal-Kunsill għal konferenza li ser issir fl-Awstria bejn il-11u t-13 ta' April 2013. Huwa qal li l-proġett ikopri l-ispiża ta' parti mill-akkomodazzjoni għaldaqstant li l-membri li ser jieħdu sehem inkluż is-Segretarju Eżekuttiv għandhom jingħataw 50% *subsistance allowance* għal jumejn. Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill, bl-għajnuna tas-Sur Malcolm Borg, ħejja *presentation* dwar l-istrageja u l-pjan tal-lokalita' ta' Santa Luċija biex tindirizza l-effett tal-kriżi fl-Ewropa permess tar-Riżorsi. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ser ikun qed itella' fiera fuq il-prodott turistiku Malti waqt din il-konferenza.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0284/13/I is-Sindku nforma dwar korrispondenza li bagħtu l-MCCAA dwar inspezzjonijiet li ser isiru fil-*Playgrounds* matul is-sena 2013. Is-Sindku nforma li l-Kunsill bix-xogħol ta' manutenzjoni li sar riċentament fil-*playing field*.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0293/13/I il-Kunsill innota ittra tas-Sur Joe Montebello dwar kontribuzzjoni għal fondi necessarji biex ikun jista jipparteċipa fil-*Malta International Airport ALIVE2013-Cycling Challenge for Cancer.* Il-Kunsill innota li għalkemm ma jistax jitkontribwixxi b'mod finanzjarju għal dan l-avveniment, seta joffri l-faċilitajiet li għandu l-Kunsill għal attivitajiet li jistgħu jitellu biex jinġabru fondi għal dan il-każ. Is-Sindku għandu jinforma lis-Sur Montebello dwar dan.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0421/13/ I il-Kunsill ġie nfurmat dwar proposta li saret lill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija minn Paragon Europe dwar progett ta' l-EU fuq Frieght Transport. Il-Kunsill qabel li jaċċetta li jieħu sehem f'dan il-proġett.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0318/13/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar attivitajiet li ser isiru fil-Ġimgħa Mqaddsa u għalihom il-Kunsill qed jiġi mistieden jattendi.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 320/13/I il-Kunsill iddiskuta korrispondenza li nbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun ta' Nofsinhar dwar problemi reletati mas-servizz tal-Local Enforcement System fejn il-Kunsill qed jintalab jidentifika problemi relatati ma' dan is-serivzz. Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni presenti u qabel li l-problemi presenti kienu aktar relatati mal-ambjent fejn tinħass il-ħtieġa ta'servizz ta' *environmental wardens*.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Telephone Booth f'Dawret it-Torri*

Is-Sindku informa lil Kunsill li kienet intbagħtet ittra lil Kummissarju tal-Pulizija ħalli jintalab permess biex tkun tista tiġi nstallata Bubble Booth ma' l-ġenb tal-bini ta' l-għassa. Is-Sindku qal li għad ma kienx hemm tweġiba minn naħa tal-puliżija dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħt r*eminder*.

### *4.2 Applikazzjoni lil Mepa għat-tneħħija ta' siġar*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienu ntbagħtu applikazzjonijiet lil Mepa biex ikunu jistgħu jiqalgħu xi siġar fi Triq Bruka u Triq Prinjoli peress li qed jagħmlu ħsara fil-pedamenti tad-djar li jmissu magħhom.

### *4.3 Korsijiet tal-Computer*

Il-Kunsill iddiskuta offerta ta' TCTC għat-tgħallim tal-*computer* lit-tfal kif ukoll għall-adulti. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li t-tgħallim tal-*computer* lit-tfal illum il-ġurnata jsir fil-klassijiet ta' l-iskola. Il-Kunsill innota wkoll li fil-lokalita' ta' Santa Luċija, aktar huma l-adulti li juru nteress li jitgħallmu l-*computer*. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jibqa jorganizza korsijiet tal-*computer* għall-adulti.

### *4.4 Tgħalliem tal-Mużika*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien avviċinah għalliem tal-mużika li xtaq jgħati dan is-servizz bil-koperazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż ta' nteress għal din l-inizjattiva.

### *4.5 Problemi relatati ma' l-LES*

Il-Kunsill iddiskuta diversi ilmenti relatati mal-Infurzar Lokali. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li fi Triq id-Dahlia u Triq Kamelia qed jipparkjaw il-karozzi f'nofs tat-triq, x'aktarx matul il-lejl, u meta filgħodu jiġu d-*delivery vans* (fuq wara tal-ħwienet) ikun hemm konfużjoni sħiħa. Il-Kunsill qabel li għanda tintbagħt nota lil Uffiċċjal Awtorizzat dwar dan.

Il-Kunsillier Victor Camilleri semma Triq Katerina Vitale kantuniera ma' Triq l-Istefantois u qal li hemm *blind corner* għal min ikun qed isuq. Ġie deċiż li jersqu l-*bollards* li hemm f'din it-triq biex jiġi eliminat il-periklu,

Ġie nutat ilment minn residenta (ref:04/13) li lmentat li fi Triq Ineż Soler meta jiefqu d-*delivery vans* fl-*area* tal-ħwienet, jipparkjaw quddiem karrozzi oħra li jkunu pparkjati fil-*parking bays* bil-konsegwenza li dawn ma jkunux jistgħu joħorġu. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment jiġi referit ukoll lil Uffiċċjal Awtorizzat. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir tabella li tindika li l-aċċess għal quddiem il-ħwienet huwa għas-sidien tal-ħwienet biss.

### *4.6 Bring in Site fi Triq Prinjoli c/w Trejqet Garnaw*

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li rċieva fir-rigward tal-*Bring-in-Site* hawn fuq imsemmija. Is-Sindku ppropona li issir *platform* aktar l-isfel fit-trejqa u l-*Bring in-site* tersaq hemmhekk. Il-Kunsill qabel ukoll li jersaq ukoll il-post fejn fil-preżent qed jitħalla l-iskart imħallat.

### *4.6 Oħrajn:*

- Il-Kunsill approva rimbors ta' €39.70 li kien tħallas żejjed, fil-kont tad-Dawl u Ilma, mis-sid tal-fond numru 3 Dawret it-Torri qabel dan il-fond ġie mikri lil-Kunsill biex jintuża bħala librerija.

- Fir-rigward ta' talba (ref: 05/13) biex issir *sleeping policeman* fi Triq Inez Soler, il-Kunsill innota li diġa hemm *sleeping policeman* f'din it-triq.

- Il-Kunsill qabel li għandha ssir *parking bay* għal *blue sticker holders* fi Triq iż-Żinja

- Il-Kunsill laqgħa talba ta' resident (ref: 06/13) biex isir rampa żgħira quddiem Binja Indipendenza fi Triq Maria De Domenicis

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru 4435 sa numru 4493 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu minn **13/02/13** sa **12/03/13**(Skeda nurmu 11).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 11-13

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Frar 2013 | Ammont *Gross* | €6338.93 |
| Salarji għax-xahar ta' Marzu 2013 | Ammont Gross | €5298.46 |

### 5.3 *Talba għal Rimbors*

Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv – Użu ta' Trasport Pers. €4.90

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01 | Serv. – Frar 13 | 2598.25 |
| Ronald Bezzina | BR(57/12/03) | Serv.–Frar 13 | 169.65 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Diesal Extra Cost – Nov. - Dec | 447.64 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | 17567 | 213.84 |
| Vodafone Malta | 312952 | PABX C.M-Feb.13 | 61.80 |
| Vodafone Malta | 312952 | PABX CM-Jan,13 | 65.57 |
| Saviour Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv.Feb.13(part) | 187.54 |
| Saviour Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv Feb 13(part) | 437.87 |
| Saviour Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv Mar.13 | 625.41 |
| Euro Clean Waste Services | BR(57/09/03) | Serv. Jan.12-Dec.12 | 6229.30 |
| Euro Clean Waste Services | BR(57/09/03) | Serv. – Feb.11-Dec.11 | 4912.60 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv.-Feb.13 | 1025.20 |
| ELC Ltd | PKG57 | Serv.-Feb.13 | 2061.50 |

6. ***RR/PW (57/13/01) Road Resurfacing and Major Patching Works***

Il-Kunsill iddiskuta t-*tender* hawn fuq imsemmi li għalih kien hemm offerta waħda, dik ta' Philip Agius and Sons Ltd. Billi r-rati għal dan il-Kuntratt huma varji il-Kunsill qabel li jinkariga lil periti tal-Kunsill biex jevalwaw dawn ir-rati u jħejju l-rapport tagħhom f'dan ir-rigward.

7. **BUSINESS PLAN 2013-2015**

7.1 ***Ċentru tal-kommunita'***

l-Kunsill iddiskuta *draft* ta' *three year Business Plan* imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv għal perjodu bejn is-sena 2013 u sena 2015. Is-Sindku, s-Sur Frederick Cutajar qal li jħoss li l-Kunsill għandu jerġa jressaq it-talba tiegħu biex il-bini fejn bħalissa hemm il-Kummisarju għat-Tfal jingħata f'idejn il-Kunsill ħalli l-Kunsill ikollhu bini adegwat ċentrali u aċċessibli minn fejn jagħti servizz lir-residenti. Huwa qal li fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Mepa biex jibni ċ-Ċentru tal-Kommunita, l-Mepa qed titlob li jitnaqqas sular għaldaqstant is-sular li kien ippjanat għal uffiċċini tal-Kunsill jista jiġi eliminat u minflok il-Kunsill jopera minn din il-binja li tista wkoll tinfed maċ-Ċentru tal-Kommunita.

7.2 ***Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'***

Fir-rigward tal-proġett ta' renovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' s-Sindku qal li s-somma ta' 1.7 miljun euro tkopri biss il-materjal. Huwa qal li minn informazzjoni li għandu l-Kunsill, il-proġett totali ser jiswa madwar 4.5 miljun euro.

7.3 ***Resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP u l-proġett ta' reservior fi Triq il-Ġnien***

Il-Kunsill iddiskuta l-proġett ta' *reservior* fi Triq il-Ġnien u x-xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qabel li hemm bżonn li ssir premura biex ix-xogħol jibda mingħajr aktar dewmien.

7.4 ***Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout***

Il-Kunsilliera *Caroline Galea* qalet li għalkemm il-problema tal-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout trid tiġi ndirizzata mill-Gvern Ċentrali hija tħoss li l-Kunsill għandu jibqa jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Il-Kunsilliera Galea ipproponiet ukoll li ssir talba lil Transport Malta biex fil-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Triq tal-Barrani ssir mera fuq is-central strip biex minn ikun ħiereġ, speċjalment jekk tkun persuna anzjana, ma joqgħodx idur biex jara jekk hux ġejjin karozzi.

**8. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn 22 ta' April 2013 fl-4.30p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ...................,...... ta' ........................ 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**